MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2448/2002

**Avviz Numru 244802 AJD**
**Raymond u Josephine konjugi Magro**

**vs**

**Conrad Magro u Isabella konjugi Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu u jirrifondu lill-atturi s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700.00) rappresentanti depozitu mminn prez ta' ghamara ordnata mill-atturi minghand il-konvenuti liema ghamara ma gietx konsensanjata lill-atturi mill-istess konvenuti.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-20 ta' Marzuu 2000 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attrici Josephine Magro li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**